SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

## Laqgħa Nru. 21/KA2/16

Data: 12 ta' Lulju 2016

Ħin: 4.00p.m.

Post: L-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan

---

Preżenti: Albert Bonello Ghio - Ċermen
Joseph Oliva - Membru
Maria Dolores Falzon - Membru

Guido Dalli - Sindku
Paul Spiteri - Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Cassar – Skrivana

Skużati: (1) Michael La Rosa - Viċi Ċermen

Assenti: (1) Richard Scicluna - Membru

---

**AĠENDA**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni miċ-Ċermen;
4. Korrispondenza;
5. Laqgħa mal-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo;
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;
7. Approvazzjoni tal-Pagamenti;
8. Aġġornament.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

**Minuti – *21/KA2/16***

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**1 Qari u approvazzjoni tal-Minuti**

1.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 20/KA2/16 għall-approvazzjoni.

1.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.03 Iċ-Ċermen ssekondah.

1.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Punti mqajma mill-Minuti**

2.01 Ma kienx hemm punti mqajma mill-Minuti.

**3 Komunikazzjoni miċ-Ċermen**

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat li l-Membru Richard Scicluna naqas milli jattendi erba' laqgħat konsekuttivi mingħajr ġustifikazzjoni. Għalhekk ġie deċiż li l-Kumitat Amministrattiv jitlob lill-Ministru sabiex is-Sur Scicluna jiġi dekatut u l-post tiegħu jiġi ddikjarat vakanti.

3.02 Il-Kumitat qabel unanimament u ġie deċiż li waqt il-laqgħa li jmiss, jekk jilħqu joħorġu l-approvazzjonijiet neċessarji, jkun hemm l-*item Co-Option* ta' Membru.

**3 Korrispondenza**

4.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 4087 | Email mingħand il-Kunsillier Martin Sultana dwar il-*camera* fi Triq Ross. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. 4087**

4.02 Saret riferenza għal-email mingħand il-Kunsillier Martin Sultana fir-rigward il-*camera* fi Triq Ross. Ġie deċiż li unanimament li l-Kumitat jitlob li jitwal il-ħin li persuna tista' tieqaf għal *Un/Loading* mingħajr ma jinħarġu ċitazzjonijiet.

**5 Laqgħa mal-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo**

5.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li waqt l-imsemmija laqgħa mal-Onorevoli Dr. Stefan Buontempo tinġibed l-attenzjoni dwar:

- In-nuqqas ta' nfurzar tal-liġijiet ġewwa Paceville;
- Traffiku ġewwa Paceville;
- Iktar fondi sabiex l-iskart jibda jinġabar iktar ta' spiss;
- *Public Conviences* ġewwa Paceville;
- Jitressqu t-talbiet li tressqu quddiem il-Perita Audrey Testaferrata DeNoto rigward Triq Ross.

5.02 Il-Kumitat ġie ppreżentat b'żewġ ittri mingħand il-Valentina Hotel u mingħand il-Westin Dragonara Resort. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li dawn l-ittri jiġu preżentati lis-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Bountempo waqt il-laqgħa li ser issir nhar il-Ħamis 14 ta' Lulju 2016.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 424 sa nru. 431 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A')

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

7.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

7.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol Għalhekk ħadd mill-Membri preżenti ma ssekonda din il-mozzjoni.

7.03 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni li f'dawn l-istadju l-pagamenti ser jgħaddu għand il-Kunsill għall-approvazzjoni.

7.04 Il-Kumitat ma oġġezzjonax.

**8. Aġġornament**

8.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 16 t'Awissu 2016 fl-4.00p.m.

8.02 Il-laqgħa ntemmet fil-5.30p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: **16 t'Awissu 2016**